MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru. 356/2001

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Caruana)
vs
Vincent Calleja

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Vincent Calleja, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 329971 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'Bahar ic-Caghaq fit-30 ta' Jannar, 1992 bejn id-9.30a.m. u 1.30p.m. flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa ikkommetta serq ta' gojjelli, video camera tal-marka Telefanken u affarijiet ohra mill-fond Camilia, Triq Anton Mikiel Caruana, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment tal-familja Schembri Wismayer;

Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 31 ta' Mejju, 1994, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 261 (b) (c), 263, 267, 278, 279 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tiehgu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat illi minkejja l-fatt illi l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza fl-24 ta' Lulju, 2003, minn dakinhar sas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2004 baqa' ma sar xejn. Rat ukoll il-verbal taghha tat-18 ta' Marzu, 2004 fejn kienet ghamlitha cara illi jekk kien ser jibqa ma jsir xejn da parti tad-difiza il-Qorti kienet sejra tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha u effettivament baqa' ma sar xejn u fit-28 ta' Ottubru 2004 il-Qorti irreferiet ghall-verba taghha tat-18 ta' Marzu 2004 u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fil-5 ta' Frar 1992 l-imputat gie interrogat mis-Supretendent Bertu Mula u mill-Ispettur Micallef Grimaud. Huwa inghata s-solita twissija u irrilaxxja stqarrija. Is-Supretendent Mula xehed illi fit-30 ta' Jannar 1992 il-pulizija kellha rapport fis-sens illi kienet saret serqa Bahar ic-Caghaq. Is-Supretendent Mula kien mar fuq il-post u minn indagini illi kienu ghamlu l-pulizija kien irrizulta li zewg persuni kienu intlemhu ghaddejjin minn fuq cint li kien jappartjeni lil din il-villa, cint divizorju ma villa ohra. Eventwalment dawn il-persuni rikbu f'vettura ta' l-ghamla Ford Escort ta' lewn sewda numru ta' registrazzjoni R0715. Illi minn indagini sussegwenti kien irrizulta lill-pulizija illi din il-vettura kien qed jaghmel uzu

minnha dak iz-zmien l-imputat. Is-Supretendent kien baghat ghall-imputat u ghal persuna ohra illi kienu gew investigati dwar dan il-kaz u fl-istqarrija tieghu l-imputat fuq imsemmi, ghalkemm kien qal illi kien f'dik l-area ghar-raguni illi kellu xi trouble fir-radiator u dahal jixtri flixkun ilma, qal illi hu u siehbu kienu gejjin minn Bugibba. Huwa gie mistoqsi la darba kien fil-Main Road fejn kien hemm zewg hwienet minnn fejn setgha jixtri l-ilma, ghalfejn ghazel illi jidhol f'dik l-area fejn sehhet is-serqa, u l-imputat ma kienx irrisponda, pero' cahad l-involviment tieghu f'din is-serqa. Is-Supretendent Mula xehed illi meta inghalqet l-inkjesta l-magna tal-fingerprints ma kienitx qeghda tahdem. Sussegwentement kien kompla bl-indagini l-Ispettur Anglu Caruana li ressaq eventwalment lill-imputat il-Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi xehed l-Ispettur Anglu Caruana fis-sens illi dan il-kaz kien gie mghoddi lilu xi sena u nofs qabel ma huwa ressaq il-Qorti. Huwa xehed illi kien ghamel analizi ta' l-investigazzjonijiet illi kienu saru u deher illi kien hemm zewg persuni illi c-cirkostanzi kienu jindikaw lilhom, u dawn kienu certu Michael Aquilina u l-imputat odjern. L-Ispettur Caruana, a bazi ta' dan kollu, kien ezamina il-process verbal minhabba l-finger prints u irrizulta li kien hemm "print" li kienet ghadha ma gietx analizzata. Huwa kien informa b'dan lill-Avukat Generali u talab illi isir rinviju lill-Magistrat Inkwirenti biex jigi stabbilit jekk il-"print" li kien ghadu "outstanding" kienx jaqbel ma xi "finger print" ta' xi wiehed minn dawn is-suspettati. Effettivament il-process verbal gie mghoddi lill-Magistrat Inkwirenti li laqghet it-talba. Kienu ittiehdu l-impronti digitali tal-imputat u tal-persuna l-ohra u ghal dan il-ghan il-Magistrat Inkwirenti kienet hatret lil PS 282 Pierre Grech li kien ha l-impronti digitali u il-Magistrat Inkwirenti u kienet hatret ukoll lis-Sur Joseph Bongailas sabiex jaghmel l-ezami komparattiv. Wara perjodu ta' zmien irrizulta illi l-impronti kienu jaqblu ma dawk tal-imputat odjern. In vista ta' dan l-Ispettur Caruana baghat ghall-imputat u kien kellmu in konnessjoni ma din is-serqa u giet rilaxxjata stqarrija fejn ghal hafna mill-mistoqsijiet li ghamillu l-Ispettur Caruana l-

imputat fuq imsemmi kien ghazel illi ma iwiegibx. Sussegwentement l-Ispettur Caruana ressaq lill-imputat fuq imsemmi il-Qorti akkuzat b’dan ir-reat.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-relazzjoni ta’ Joseph Bongailas fejn irrizultalu illi d-Dokumenti 92 AFZ 103 u d-Dokument AC2 fihom punti karatteristici identici. Dan kollu jirrizulta a fol. 94 tal-process.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tressaq il-prova idoneja ghar-recidiva u b’hekk gie ippruvat illi l-imputat kien recidiv fiz-zmien in kwistjoni.

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta illi l-imputat fuq imsemmi ghamel “prison in mates program” immexxi mill-Caritas; liema program kellu jitlesta f’Novembru tas-sena 2004. Is-Sur Joseph Gatt xehed illi l-imputat sejjer tajjeb fil-program, ghandu zewg “issues” iebsin u illi jrid jahdem fuqhom, wahda hija l-mewt ta’ huh u l-ohra hija r-relazzjoni li ghandu mal-mara tieghu. Dwar id-dependenza tieghu mid-droga is-Sur Gatt xehed illi meta jittiehdulu l-urine tests dawn jirrizultaw fin-negattiv.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi instabet impronta digitali tal-imputat fuq imsemmi fil-villa minn fejn saret is-serqa in kwistjoni.

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali moghtija fit-28 ta’ Mejju 1998 fl-ismijiet il-“Pulizija kontra Anthony Abela”, fejn il-Qorti irriteniet illi f’cirkostanzi normali marki tas-swaba f’post fejn tkun saret serqa li jaqblu ma l-impronti digitali ta’ persuna huma prova sufficjenti sabiex il-Qorti issib htija, basta pero’ illi ma jkunx post pubbliku bhal

hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, discoteki, etc; liema postijiet ta' kuljum huma frekwentati minn mijiet ta' nies.

Illi effettivament fil-kaz in kwistjoni is-serqa saret minn villa privata.

Il-Qorti tirreferi wkoll f'dan ir-rigward ghal sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Novembru, 1998 fl-ismijiet "il-Pulizija kontra Carmel Attard" fejn gie ukoll ritenut illi l-Qorti tista issib htija anke meta l-unika prova tkun dik ta' marka tas-swaba, purche il-Qorti tkun moralment konvinta minn din il-htija bla dubbju dettat mir-raguni.

Illi, kif diga intqal, l-impronta digitali tal-imputat fuq imsemmi instabet f'villa privata; f'liema villa l-imputat iddikjara illi huwa qatt ma dahal ghaliex huwa dejjem cahad l-involviment tieghu f'dan ir-reat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi u ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju, 2002 issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' dawk l-imputazzjonijiet kollha.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-piena, il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi irrizulta illi l-imputat meta ikkommetta r-reati in kwistjoni kien diga misjub hati ta' serq, talli garr strument bil-ponta u illi jaqta u ta' reati konnessi ma ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi irrizulta pero' mill-fedina penali tal-imputat illi wara li gie kommess ir-reat in kwistjoni l-imputat ikkommetta reati ohrajn u jidher illi ghandu l-problema tad-droga.

Illi jirrizulta pero' illi l-imputat ghamel program ghar-riabilitazzjoni mid-droga u irrizulta wkoll illi huwa ghamel progress sostanzjali permezz ta' dan il-program. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda taghti l-ahhar opportunita lill-

imputat fuq imsemmi sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba u ghaldaqstant wara li rat ukoll l-Artikoli 21 u 28 A tal-Kap. 9 tikkundannah ghall-prigunerija ta’ sentejn; liema prigunerija ma ghandhiex tigi fis-sehh sa kemm matul il-perjodu ta’ erba’ snin millum l-imputat jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------